Ir-restawr tal-Kurċifiss Franġiskan fil-knisja ta' San Franġisk t'Assisi f'Birkirkara

Tagħrif wara żewġ intervisti li saru mill-awtur mal-pittur Taljan minn Senegallia, l-Italja, Andrea Ippoliti, artista u restawratur, kif ukoll mal-Patrijiet Alistair Aquilina, Paul Darmanin u l-Gwardjan Patri Joe Mamo, ilkoll Frangiskani Konventwali, li tant ħadmu mal-komunità kollha ta' Birkirkara biex din il-ħolma sabiħa setgħet isseħħ

Emmanuel Schembri

Nhar is-Sibt 24 ta' Novembru li għadda, fil-Knisja ta San Franġisk Birkirkara, magħrufa l-aktar bħala ta' Sant'Antnin, ġiet inawgurata ikona kbira ta' Kristu Msallab, impittra fuq l-injam minn pittur eminenti Taljan, Andrea Ippoliti, li ġie Malta apposta għal din l-inawgurazzjoni.

Hi ikona partikolari ħafna, fl-istil Biżantin. Fiha iktar minn tliet metri. Impittra bl-istil Taljan tal-AD 1200. Andrea hu mħarreġ sewwa f'dan l-istil, deskritt tant tajjeb fil-kitba ta' Cennino Cennini li ħalla bil-miktub u b'ħafna dettalji l-metodu ta' kif kienu jsiru l-affreski, u t-*tempera all'uovo,* fejn flok iż-żejt jintuża l-abjad tal-bajd.

Il-materjal li uża Andrea huma lkoll materjali naturali, m'hemm xejn sintetiku, ilkoll materjali li kienu jintużaw madwar is-sena AD 1000. Il-kuluri vivaċi tal-Kurċifiss saru billi l-pittur kien jisħaq il-ħaġar kkulurit fl-istat naturali tiegħu, hekk pereżempju il-lapislazzli, impurtat minn Istanbul fit-Turkija, li jagħti dak l-ikħal skur, *oltremare,* li mbagħad il-kulur miħun jintgħaġen mal-isfar tal-bajd u jiġi applikat fuq l-injam tas-salib tal-ikona, is-salib li fuqu hemm ix-xbieha ta' Kristu msallab.



Il-pittur Taljan Andrea Ippoliti waqt ix-xogħol ta' restawr fuq l-ikona ta' Kristu Msallab

Forma partikolari

L-ikona kollha kemm hi fiha forma partikulari ħafna, u hi replika tal-Kurċifiss li sal-lum insibu fil-knisja Franġiskana f'Arezzo, fl-Italja, xogħol marbut mas-sena AD1200, tal-imgħallem Taljan *Margarito d'Arezzo.*

Fit-truf tal-mimduda tas-salib hemm xbihat ta' Marija Addolorata u Ġwanni l-Evanġelista. Fuq is-salib hemm kwadru, *iċ-ċimasa,* bil-Verġni Mbierka bejn l-arkanġli Gabrijel u Mikiel tinterċedi għall-bnedmin kollha, u fit-*tondo,* f'dik magħrufa bħala l-*clipeo,* tidher il-figura ta' Kristu kollu ħniena għal kull min jersaq lejh.

Isfel nett, imbagħad ma' riġlejn Kristu Msallab, hemm il-figura ħelwa ta' San Franġisk li b'qima u devozzjoni profonda qed ibus il-pjaga tas-sieq l-leminija tal-Feddej.

Is-salib f'din l-ikona tal-Kurċifiss mhuwiex strument ta' tortura li twassal għall-mewt, imma hu ppreżentat bħala tapit li jwassal għall-Qawmien.

Il-figura maestuża ta' Kristu tiddomina għalkollox din l-ikona. Il-kuluri tal-ġisem hu mimli dija u jikkontrasta bil-qawwa kollha mal-ikħal tas-salib li fuqu jistrieħ. Kristu jidher mejjet, b'għajnejh magħluqin, kif tixhed il-pjaga tal-kustat, imma b'danakollu l-pożizzjoni tiegħu hi waħda eleganti, milwi lejn il-lemin tiegħu u b'rasu mitluqa lejn l-istess naħa. Id-demm skars fuq il-ġisem hu iktar dekorazzjoni fina u ma jittrażmettix il-ħruxija tal-passjoni. M'hemmx imsiemer, la fl-idejn u lanqas fir-riġlejn ta' Kristu tant li mill-pjagi jidher l-ikħal tas-salib.

Fl-ikongrafija, il-kuluri partikulari għandhom tifsira speċifika, hekk li l-ikħal jindika d-divinità u l-aħmar l-umanità regali. Is-salib li fuqu hemm dan Kristu hu ta' kulur ikħal sfiq, u allura jenfasizza d-divinità ta' dan il-ġisem, li għax uman, għadda wkoll mill-mewt. Hu għalhekk li s-salib ikħal hu mberfel fl-aħmar, Kristu veru Alla u veru bniedem.



Il-Kurċifiss imdendel fil-Knisja ta' San Franġisk f'Birkirkara, magħrufa l-akbar bħala ta' Sant'Antnin

Mingħajr imsiemer

Din l-ikona turi lil Kristu mejjet, mumenti qabel il-qawmien. Għalhekk mingħajr imsiemer għax mhux iktar marbut mas-salib! Għalhekk ġismu kollu jarmi d-dija u d-dawl. Il-kulur tal-ġisem mhux ta' bniedem mejjet, imma jixgħel, kollu dija, mistrieħ fuq is-salib! U skont tradizzjoni medjevali, kif insibu fil-kurċifissi ta' Cimabue u Giotto fost l-oħrajn, hemm it-tapit li s-salib mgħobbi bil-ġisem ta' Kristu jistrieħ fuqu.

F'riċerka personali li għamel il-pittur Andrea Ippoliti, sab kif laqgħat importanti fil-Lvant kienu jsiru fuq tapit sinjur, anke llum meta bniedem ikun qed jigi kkonsagrat lil Alla, bħall-ordinazzjoni saċerdotali jew djakonali, dan jinxtehet wiċċu

għal paġna 7



San Ġwann il-Battista



Il-wiċċ trankwill ta' Kristu Msallab

Kurċifiss partikolari mfassal fuq ieħor fil-knisja Franġiskana ta' Arezzo, l-Italja

minn paġna 6

fl-art fuq tapit; fuq tapit jistrieħ il-ġisem tal-ġheżież mejtin tagħna fl-aħħar tislima li naħtuhom, u fuq tapit tara d-dawl tal-ħajja ġdida kif għadu jsir fit-twelid f'pajjiżi bħall-Iran fejn il-ħlas ta' mara tqila jsir fid-djar. U hu minħabba f'hekk li t-tapit qed joffri sfond denju għal dan Kristu mejjet ftit mumenti biss qabel il-Qawmien mill-Imwiet.

Is-salib, qabel tibda ssir il-pittura polikromatika fuqu, jiġi ppreparat billi jingħata saffi ta kolla 'tal-fenek', *colla di coniglio,* imħallta ma' ġibs u ġebel tal-franka miħun. Interessanti li f'dan l-istadju, il-patrijiet Franġiskani kollha fil-kunvent ta' Birkirkara bagħtu t-talbiet tagħhom lil San Franġisk fuq karti kwadri li ġew inkorporati f'dawn is-saffi ta' kolla biex għalkemm ma jidhrux jibqgħu hemm għal dejjem.

San Mikiel Arkanġlu

Il-Verġni Mbierka

Id-deheb ta' 24 karat, li tant jagħti dehra rikka lil din l-ikona, kien applikat mad-dawra kollha tas-salib fuq il-boll aħmar, u fuq dan ingħatat kisja bl-abjad tal-bajd biex mhux biss jgħaqqad id-deheb mal-boll imma wkoll iżomm il-leqqezza tad-deheb fl-aqwa tagħha.

Żewġ kwadri fit-truf tat-traversa

Kristu, b'għajnejh magħluqin, b'idejh miftuħin berah fuq is-salib donnu jrid iħaddan id-dinja. Xagħru pulit, mifruq fin-nofs, bħad-daqna folta, stil Sirjan. Troffi ta' xagħar jistrieħu fuq spallejh it-tnejn, u l-kuruna tax-xewk, minsuġa bi preċiżjoni fuq ġbinu tixhed għall-passjoni li għadda minnha għall-fidwa tal-bniedem. Ma' qaddu, Kristu għandu marbuta b'għoqda partikulari, magħrufa bħala "l-għoqda ta' Salamun" iċ-ċarruta tradizzjonalment provduta minnisa ta' Ġerusalemm li telgħu l-kalvarju warajh, tfakkarna kemm fl-*efod,* għelm tas-saċerdozju kif ukoll fil-*linteum,* dak il-fardal li bih tħażżem Ġesù meta ħasel *saqajn l-appostli* awl il-lejl qabel ma miet.

Kristu għandu riġlu tal-lemin mistrieħa f'idejn San Franġisk li b'qima kbira u b'devozzjoni qaddisa qed ibus il-pjaga bid-demm iċarċar minnha għal ġolkomma tat-tonka tal-qaddis sa fuq kuxxtejh waqt li mill-pjaga tar-riġel tax-xellug id-demm inixxi sal-art u mal-art.

San Frangisk jidher anke hu bil-pjaga tal-kustat tnixxi d-demm. Ix-xbieha ta' San Franġisk f'kurċifiss ta' dan it-tip hi unika u nsibuha biss fil-kurċifiss li Margarito d'Arezzo ħejja għall-knisja Franġiskana ta' Arezzo u issa fil-Kurċifiss li Andrea Ippolito pitter għall-knisja Franġiskana f'Birkirkara.



San Franġisk ibus riġlejn Kristu

Fit-truf tat-traversa tas-salib insibu żewġ kwadri: dak ta' Marija Addolorata qrib l-id il-leminija ta' Kristu u dak ta' San Ġwann l-Evanġelista qrib l-id tax-xellug. Marija liebsa l-kuluri *tradizzjonali roża rjali u ikħal,* b'velu madwar rasha, u Ġwanni liebes griż b'mantar aħmar skur. L-ilbies tat-tnejn imżejjen bid-deheb. It tnejn rappreżentati b'rashom mitluqa lejn ix-xellug tagħhom, u Ġwanni donnu lanqas jiflaħ iħares lejn Kristu msallab, u b'idu l-leminija qed jistedinna nħarsu lejn il-mislub.

Sfond ta' deheb leqqien

Fil-kwadru ta' fuq is-salib, fiċ-*cimasa,* naraw lill-Verġni Mbierka tħares dritt lejna, bl-arkanġli Gabrijel u Mikiel wieħed fuq kull naħa. Taħtha preċiż fuq l-ikħal tas-salib hemm kewkba u mbagħad ix-xilja ta' Ġesù *I[ESUS] NASAR[ENUS] REX IUDEORUM,* Ġesù Nazzarenu Sultan tal-Lhud, li wara kollox kixfet ir-regalità ta' Ġesù. U fuqhom biex jgħaqqad l-ikona kollha kemm hi, hemm, fil-*clipeo,* it-*tondo* ta' fuq nett, ix-xbieha ta' Kristu, dinjituż u ħanin fl-istess ħin, liebes l-aħmar u l-ikħal b'disinn rikk tad-deheb, ibierek lil kull min jersaq lejh f'din l-ikona.

Il-kwadri kollha u t-tondo ilkoll mpittrin fuq sfond ta' deheb leqqien. Anke d-dijademi ta' Ġesù, il-qaddisin u l-arkanġli huma tondi, magħmula minn deheb fin ilellex u b'disinji ġijometriċi jiddekorawhom. Fuq it-traversa tas-salib, waħda kull naħa ta' ras Kristu msallab hemm żewġ kelmiet *Rex Gloriae,* Sultan tal-Glorja,

L-id ix-xellugija tal-Imsallab

xhieda oħra tar-rebħa ta' Kristu permezz tas-Salib.

Bejn it-tapit u s-salib ikħal skur, ħdejn il-ġisem ta' Kristu, titla' strixxa tad-deheb li fuqha, bil-Malti hemm miktuba it-talba ta' San Franġisk lill-Feddej Mislub, *O Alla, l-aktar ġholi u glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi,...*

Dan il-Kurċifiss Franġiskan f'Birkirkara hu verament kurċifiss partikulari. Imfassal fuq dak li hemm f'Arezzo, l-Italja, fil-knisja Franġiskana. Kristu mhux imsammar mas-salib u l-ġisem tiegħu jidher lest għal qawmien mill-mewt. Is-salib mhux iktar strument ta' wġigħ imma mezz ta' ħelsien. Id-demm ma jittrasmettix tbatija u ħruxija imma jfisser ġhajn ta' fidwa u grazzja li tagħti l-ħajja u s-serenità li tant neħtieġu fi żmienna.